# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha, 5 ta' Gunju 2020**

**Kawza Numru: 14**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 455/2017 JVC**

**(1) Joseph Busuttil ID Card No 90968 (M), f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Sealex Holdings Limited (C14190); (2) Christian Busuttil ID Card No 199278 (M); (3) Rebecca Darmanin Kissaun ID Card No 54472(M); (4) Natasha Busuttil ID Card No 317370(M); (5) The Estate of the late Charles Busuttil, u b'digriet tat-22 ta' Dicembru 2014 ir-rikorrenti Rebecca Darmanin Kissaun u Natasha Busuttil gew awtorizzati jassumu l-atti minflok "The Estate of the late Charles Busuttil", (6) Paul Busuttil ID Card No 695058(M) f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Mavel Holdings Company Limited (C16864); (7) Joanna Decesare ID Card No 412357(M); (8) Mary Ann Lanzon ID Card No 555155(M); (9) Roberta Pecci Busuttil ID Card No 809060(M); (10) Clarissa Pace ID Card No 521963(M); (11) Michael Busuttil ID Card No**

**51261(M); (12) Antonia Busuttil ID Card No 51231(M); (13) Simone Pace Busuttil ID Card No 192157(M); (14) Maria Schaerrer Busuttil Passaport Svizzeru No 5115194; (15) Franco Busuttil ID Card No 11461(M) f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` B.C. Investments Limited (C8063); u ghal kull interess li jista' jkollhom l-Avukat Dr. Joseph J. Vella ID Card No 1018249M, l-Avukat Dr. Albert Grech ID Card No 113649(M) u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello ID Card No 293969(M)**

**vs**

**(1) Suzanne Busuttil ID Card No 19076(M); u (2) Brian Busuttil ID Card No 525373(M) (3) Stealth Holdings Limited (C26763); (4) T&L Holdings Limited (C8054) (5) Avukat Dr. Patrick Galea ; (6) Avukat Dr. John Refalo; (7) Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil; (8) Prokuratur Legali Nicolette Aquilina Di Noto; u (9) Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Ritassa fejn ir-rikorrent Joseph Busuttil pro et noe et ikkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi dan ir-Rikors qed jigi pprezentat a tenur tal-Artikolu 64 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), u dana fir-rigward tar-rikors numru 802/2014 JZM fl-ismijiet "*Joseph Busuttil pro et noe vs Suzanne Busuttil et*", liema rikors gie deciz fit-30 ta' Marzu 2017, permezz tal-provvediment li kopja tieghu qed jigi mmarkat bhala Dok. "A";

2. Illi hekk jirrizulta mill-precitat provvediment (Dok. "A") it-talba kontenuta fir-rikors promotur hija is-segwenti, cioe':

   *Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogghobha tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 402(3)(d) u (f) tal-Kap 386 kontra l-intimati b'mod illi tipprovdi ghax-xiri ta' l-ishma kollha ta' l-intimati mir-rikorrenti, u li l-intimati jigu kkundannati jhallsu lir-rikorrenti ammont fissat minn din l-Onorabbli Qorti bhala kumpens minhabba telf jew danni kkawzati mill-intimati u dan taht kwalunkwe provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa.*

3. Illi permezz tad-decizjoni taghha tas-17 ta' Marzu 2014 (Dok. "K1" anness) dina l-Onorabbli Qorti ddisponiet bit-talbiet tal-konjugi tar-rikorrenti hekk kif gej:-

   *"Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi billi:-*

   *Tichad l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjoniet tal-intimati.*

   *Tilqa's-sitt eccezzjoni tal-intimati.*

   *Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimati.*

   *Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-kjamata fil-kawza.*

   *Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra tal-kjamata fil-kawza.*

*Tichad it-talba tar-rikorrenti.*

*Tordna illi kull parti tbati l-ispejjez taghha."*

4. Illi wara li r-rikorrenti talbu ghad-debita taxxa rigwardanti r-rikors numru 802/2014 JZM fl-ismijiet "*Joseph Busuttil pro et noe vs Suzanne Busuttil et*" ir-Registratur tal-Qrati hareg it-taxxa hawn annessa mmarkata bhala Dok. "B", liema taxxa jidher li inhaddmet fuq valur a tenur tal-artikolu 3 tat-Tariffa A tal-iSkeda A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-artikolu 13 tat-Tariffa E tal-istess Skeda A;

5. Illi t-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) kif del resto wiehed jista' jifhem anki min-nomenklatura taghha (**"Drittijiet li jithallsu rigward is-smigh tal-kawzi fir-Registri tal-Qrati Superjuri u fil-Qrati tal-Magistrati f'Malta u f'Ghawdex, eskluza l-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja")** jipprovdi dwar il-mod li ghandhom jigu ntaxxati d-drittijiet dovuti lir-Registru ta' dina l-Onorabbli Qorti fir-rigward tal-kawzi kontenzjuzi;

6. Illi ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2014 fl-atti tal-Appell Civili numru 642/2012/1 fl-ismijiet "*Suzanne Busuttil et vs Francis Busuttil & Sons Limited et*". Hemm testwalment inghad hekk:

    ".... fil-kawza fl-ismijiet Jonathan Shaw et v. David Alan Shaw et deciza fis-27 ta' Novembru 2009. F'din is-sentenza l-Qorti waslet ghal dawn il-konkluzjonijiet;

*".... Hemm distinzjoni netta bejn dak li jipprovdi l-artiklu 402 u l-Artikolu 401 tal-Kap. 386 billi fil-kazi li jaqghu taht l-artiklu 402 la jissemmew id-disposizzjonijiet tal-Kap. 12 u sahansitra lanqas ma tissemma l-htiega ta' notifika tar-rikors tal lill-kontroparti u thalli kollox fid-diskrezzjoni tal-Qorti li quddiemha jkun ingieb ir-rikors li jekk tkun tal-fehma li l-ilment ikun bazat sewwa u li jkun gust u ekwu li hekk taghmel tista taghmel l-ordni. Dan l-artiklu lanqas biss isemmi dritt ta' appell minn dak l-ordni. Ghall kuntrarju l-artiklu 401 mhux biss jipprefiggi regoli specifici ta' kif isir opposizzjoni ghad-decizjoni tar-Registratur billi din tista tigi kontestata quddiem Qorti fejn sahansitra ghandhom japplikaw ir-regoli imposti fil-Kap. 12 talli kull decizjoni ta' dik il-Qorti tkun kunsidrata bhala decizjoni li tordna l-hlas u minn tali decizjoni bhal ma jipprocdi l-istess Kap.12 hemm appell lil din il-Qorti. Dan huwa kaz klassiku fejn japplika l-principju* ***'ubi voluit lex dixi'".***

*Aktar qabel fl-istess sentenza l-Qorti kienet spjegat li l-istess Artikolu 402 jipprovdi rimedju ad hoc illi jista' jigi intavolat permezz ta' rikors (mhux guramentat ai termini tal-Kap.12) u ghalhekk din il-procedura ma hijiex kawza fis-sens ta' kawza mibdija b'din il-procedura u din iddistinzjoni hija importanti hafna ghaliex l-Artikolu 402 gie fis-sehh meta l-ligi tal-procedura kienet tiddistingwi bejn citazzjoni u rikors u kwindi l-kelma 'rikors' ai termini tal-artikolu in kwistjoni ghandha tinqara f'dan is-sens. Isegwi ghalhekk, qalet il-Qorti, li appell naxxenti minn sentenza moghtija wara kawza intavolata b'rikors guramentat (gia' maghrufa bhala citazzjoni) ma huwiex awtomatikament estiz ope legis ghal din il-procedura. Fil-fatt gustament l-ewwel Qorti meta giet*

*biex takkolla l-ispejjez, sejjhet id-decizjoni taghha 'provvediment'.*

7. Illi minn harsa ghal dawn il-precitati osservazzjonijiet moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell jirrizulta bl-aktar mod lampanti li l-procedura mibdija bir-rikors numru 802/2014JZM fl-ismijiet *"Joseph Busuttil pro et noe vs Suzanne Busuttil et"* (Doc "C") QATT ma kienet kawza ghal finijiet u effetti tal-iSkeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk il-provvedimenti tal-imsemmija Skeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta qatt ma kellhom jigu applikati mir-Registratur tal-Qrati meta hu hejja l-precitata Taxxa (Dok. "B") bil-ghan li jigu stabbiliti d-drittijiet spettanti lir-Registru ta' dina l-Onorabbli Qorti;

8. Illi minghajr pregudizzju u *dato ma non concesso* li r-Registratur tal-Qrati seta' jintaxxa drittijiet *ad valorem* allura jinghad minghajr tlaqliq li tali valur ried johrog jew mill-valur stabbilit fid-decizjoni finali tal-Qorti jew mir-rikors promotur - dawn huma l-unici modi li valur jista' jigi stabbilit skond il-ligi. Kull mod iehor johloq dubbju, incertezza u facilment jghati lok ghal abbuz f'proceduri gudizzjari u wara kollox, jekk mhux kannonnizat b'sentenza, somma jew valur ma jfisser xejn u jista' facilment jigi asserit minn parti sempliciment sabiex il-kontroparti jsib ruhhu fl-impossibilita' li jikkontesta l-procedura gudizzjarja imposta fuqu mir-rikorrenti, anki f'procedura ta' appell fejn l-ispejjez (u ghalhekk il-kawtela) jigu stabbiliti fuq dawk preskritti ghall-ewwel istanza oltre terz ulterjuri. Jinghad bir-rispett illi huwa proprju ghalhekk li l-artikolu 3(1) tat-Tariffa A tal-iSkeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (li johloq id-dritt tar-Registratur tal-Qrati biex jistabilixxi drittijiet ta' Registru ad valorem) jipprovdi li:

3 (1) B'zieda mad-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 2, mal-prezentata ta' xi petizzjoni, rikors jew xi att iehor tal-procedura li jkun fihom talba li biha tinbeda procedura kontenzjuza f'Qorti ta' Prim Istanza u li titlob decizjoni minn Imhallef jew Magistrat, u meta d-dritt tar-registru jkun jista' jigi intaxxat fuq valur stabbilit jew fuq valur li jista' jigi stabbilit skont il-ligi jew mill-att innifsu, ikunu dovuti wkoll dawn id-drittijiet li gejjin:

9. Illi mill-fuq imsemmija decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-atti tal-Appell Civili numru 642/2012/1 fl-ismijiet *"Suzanne Busuttil et vs Francis Busuttil & Sons Limited et"* jirrizulta li d-decizjoni finali moghtija wara l-procedura mibdijja bir-rikors numru 802/2014 JZM fl-ismijiet *"Joseph Busuttil pro et noe vs Suzanne Busuttil et"* fit-30 ta' Marzu 2017, permezz tal-anness provvediment "Dok. "A" QATT ma kienet sentenza ghal finijiet u effetti tal-iSkeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk il-provvedimenti tal-artikolu 13 tat-Tariffa E tal-imsemmija Skeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta qatt ma kellhom jigu applikati mir-Registratur tal-Qrati meta hu hejja l-precitata Taxxa (Dok. "B") bil-ghan li jigu stabbiliti d-drittijiet spettanti lill-avukati u lill-prokuraturi legali tal-partijiet. Jigi sottolineat, l-imsemmi artikolu 13 japplika biss ghal sentenzi finali – ghalhekk, ir-Registratur QATT ma kellu jakkolla drittijiet applikabbli ghal sentenza in konnessjoni mal-provediment moghti fit-30 ta' Marzu 2017;

10. Illi ghalhekk, ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-drittijiet spettanti lill-avukati u lill-prokuraturi legali tal-partijiet

kellu, se mai, jigi applikat l-Artikolu 15 ta' l-istess Tariffa E tal-istess Skeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li testwalment jghid:

> 15. (a) Ghal kull dikjarazzjoni ohra mehtiega li jkun fiha d-decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt ................minn 23.29
> sa 232.94

11. Illi dan kollu inghad jirrizulta lampanti li t-talba tar-rikorrenti kontenuta fir-Rikors numru 802/2014 JZM fl-ismijiet *"Joseph Busuttil pro et noe vs Suzanne Busuttil et"* m'hijiex wahda wantifikabbli fi flus u ghalhekk kull taxxa fir-rigward ma tista' qatt tkun mahduma *ad valorem*.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi l-esponenti umilment jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka t-Taxxa mahrug mir-Registratur tal-Qrati rigwardanti r-rikors numru 802/2014 JZM fl-ismijiet *"Joseph Busuttil pro et noe vs Suzanne Busuttil et"* annessa u mmarkata bhala Dok. "B" stante illi hija imsejsa fuq suppozzizzjonijiet erronji ta' dritt u ta' fatt u thassar u tirrevoka ukoll id-drittijiet kollha indikati fl-istess taxxa u minnflok tordna li t-Taxxa tal-procedura mibdijja permezz tal-precitat rikors numru 802/2014 JZM tinhaddem mill-gdid izda fuq bazi <u>mhux</u> *ad valorem*, u dana a tenur tal-Artikolu 64 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Salv kull dritt iehor spettanti lill-esponenti.'

Rat ir-Risposta Guramentata ta' Suzanne Busuttil pro et noe et fejn esponew kif isegwi:

1. ‘Illi din hija risposta in segwitu ta’ rikors ghar-ritassa tat-taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti Civili wara l-provvediment moghti nhar it-30 ta’ Marzu 2017 fl-ismijiet ***“Joseph Busuttil pro et noe et vs Suzanne Busuttil et”***, rikors numru 802/2014 JZM;

2. Illi l-esponenti jirrimettu ruhhom ghad-decizjoni tal-Qorti;

3. Illi pero l-esponenti Suzanne u Brian Busuttil jzommu ferm l-istanza taghhom illi anki jekk din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkonferma t-taxxa hekk kif mahruga u annessa mar-rikors promotur, peress illi Suzanne u Brian Busuttil (f’ismu propju u f’isem u in rapprezentanza ta’ Stealth Holdings Limited) kienu l-parti rebbieha f’dik il-kawza, huma m’ghandhomx jigu kkundannati jhallsu l-ispejjez *ad valorem* flimkien mar-rikorrenti. Dan ghaliex ma kienux huma li abbuzaw mill-ligi u ghamlu pretensjoni infondata li giet ikkwantifikata f’ammont daqstant gholi ta’ flus. Jekk huma jigu kkundannati jhallsu dan l-ammont ta’ flus ghal pretensjoni maghmula min-naha l-ohra, meta huma kienu l-parti rebbieha, dan ser ifisser illi kwalunkwe persuna tista’ tintavola procedura frivola fil-konfront ta’ xi hadd, u ghalkemm dik il-persuna tinghata ragun fis-sentenza, tkun sborzjata minn flusha u possibilment issib ruhha f’posizzjoni finanzjarja prekarja, u dan meta tali persuna ma jkollha ebda htija.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez u bir-riserva ta’ kull dritt spettanti lilhom fil-ligi, inkluz, ta’ natura kostituzzjonali.’

Rat ir-Risposta Guramentata ta' l-Avukat Dr John Refalo et fejn esponew kif isegwi:

1. 'Illi din hija kawza ghar-ritassa u l-indagini tal-fatti huma ghalhekk limitati ghal ezami tal-atti fil-kawza li giet intaxxa mir-registratur (802/14). Dak li talbu l-atturi f'dik il-kawza jirrizulta mill-atti tal-kawza u mhux necessarjament biss mir-rikors promotur.

2. Illi l-intimati josservaw l-ewwel nett, u fi kwalunkwe, kaz, li l-esponenti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-attrici fis-sens li l-procedura in kwistjoni ma kienitx kawza ghall-finijiet u ai sensi tal-iskeda A. Huwa evidenti li rikors ipprezentat minn parti a bazi tal-artikolu 402 tal-Att dwar il-kumpanniji hija procedura kontenzjuza li tinkwadra ruhha fil-parametri tal-artikolu 3 (1) tal-iskeda A u cioe:

   > "rikors jew xi att iehor tal-procedura li jkun fihom talba li biha tinbeda procedura kontenzjuza f'Qorti ta Prima Istanza u li titlob decizjoni minn Imhallef jew Magistrat"

3. Illi ukoll, il-fatt li ma hemmx appell minn din il-procedura partikolari ma tnehhiex l-element kontenzjuz tal-azzjoni proposta mill-atturi.

4. Illi wara kollox, kienu l-istess atturi li fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom illikwidaw il-pretenzjoni taghha fl-ammont ta' €9,600,000, somma li, minkejja n-nuqqas tad-dritt ta' appell kienu evidentement qed jippretendu li tinghatalhom mill-Qorti precizament f'dik l-azzjoni li llum

qed jilmentaw dwar it-taxxa. Il-fatt li l-Qorti ma akkoljietx t-talba ma jxejjinx il-valur tal-mertu kontestat bejn il-partijiet.

5. Illi ghaldaqstant l-esponenti jecepixxi bir-rispett li t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.'

Rat ir-Risposta Guramentata tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali fejn espona kif isegwi:

'1. Illi din hija kawza ta' ritassa ai termini tal-Art 64 tal-Kap. 12 maghmula mill-atturi fir-rigward tal-kawza bin-numru 802/14 JZM fl-ismijiet Joseph Busuttil et vs Suzanne Busuttil et deciza fit-30 ta' Marzu, 2017.

2. Illi l-esponenti jissottometti illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *inter alia* minhabba dawn ir-ragunijiet:

a) Illi wahda mit-talbiet tar-rikorrenti, kienet li l-intimati ghandhom jigu kkundannti jhallsu lir-rikorrenti ammont iffissat minn din l-Onorabbli Qorti bhala kumpens minhabba telf jew danni kkawzati mill-intimati;

b) Illi, b'hekk din it-talba tar-rikorrenti, taghmel il-kawza taxxabbli ad valorem skont il-para. 3 tat-Tariffa A u l-para. 14 tat-Tariffa E annessi mal-Kap. 12.

c) Illi kif gja inghad la darba kien hemm it-talba ghal-likwidazzjoni ta' danni, l-esponent hadem it-taxxa ukoll skont l-artikolu 14 tat-Tariffa E tal-Kap. 12 fir-rigward tad-drittijiet tal-avukati u prokuraturi legali li tghid illi: "Meta

dikjarazzjoni li jkun fiha decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur **determinat jew determinabbli** skont il-ligi jew **mill-process**, id-dritt relattivament ghal dik id-decizjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit". Fil-fatt hekk sar, it-taxxa inhadmet ad valorem fuq €9,600 000 peress li kien ir-rikorrenti stess fin-nota ta' osservazjonijiet tieghu a fol 397 tal-process li kkwantifika l-kumpens li qed jippretendi.

d) Illi jinghad ukoll illi "f'kawza fejn tigi mitluba dikjarazzjoni li l-konvenut huwa responsabbli ghal danni sofferti mill-attur, li ghandhom jigu likwidati fl-istess kawza jew f'gudizzju separat, illi t-tassazzjoni ghandha tigi regolata mit-talba jista' jigi kwalifikat mill-massima l-ohra li tghid li, meta mill-massa litigjuza jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-tassazzjoni ghandha tigi regolata fuqu; jigifieri ghandu jigi studjat u ezaminat x'ikun l-oggett tat-talba; u allura t-tassazzjoni ssir "ad valorem", u mhux bhala semplici artikolu jew dikjarazzjoni". (Carmelo Axiak vs Av Dr Giuseppe Vella noe et, Prim' Awla tal-Qorti Civili, 9 ta' Frar, 1951).

e) Illi ir-rikorrent, igib l-argument ukoll, illi din il-kawza kellha tigi ntaxxata bhala punt ta' ligi stante li t-talbiet attrici gew michuda. Dan l-argument ma jreggix peress illi t-taxxa tinhadem skont it-talbiet maghmula fir-rikors guramentat u dan indipendentement jekk it-talbiet ta' min jipprezenta l-kawza jigux milqugha jew le. Il-gurisprudenza nostrana hija cara fuq kif ghandha ssir id-domanda u cjoe li "it-tassazzjoni tal-kawzi ghandha tigi regolata mid-domanda jew talba" (Avv. Leslie Grech noe vs Frank Abela et, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 25 ta' Jannar 2002).

f) Illi l-esponenti, ma jaqbilx ma' dak li qed jghid ir-rikorrenti fejn qed jghid illi, il-kawza mertu ta' din ir-ritassa ma kienet QATT kawza ghall-finijiet u effetti tal-iskeda A tal-Kap 12, u dan ghaliex fl-istess tariffa A tipprovdi ghad-drittijiet "ghall-prezentata ta' petizzjoni, rikors guramentat jew att iehor tal-procedura li jkun fihom talba biex tinbeda procedura kontenzjuza f'Qorti ta' Prim'Istanza u li titlob decizjoni minn Imhallef jew Magistrat...."

g) Illi dan kollu jwassal ghal konkluzjoni li t-talbiet tar-rikorrenti kif esposti fir-rikors promotur tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

3. Illi ghalhekk huwa car illi t-taxxa *de quo* hija mahduma korrettement u hija valida ghaliex giet emessa skont il-ligi u kwindi t-talbiet tar-rikorren ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.'

Rat l-affidavit, xiehda, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal datat 27 ta' Marzu, 2018 a fol. 159 tal-process is-socjeta' intimata T&L Holdings Limited giet dikjarata kontumaci;

Rat illi b'digriet tas-16 ta' Ottubru, 2018 a fol. 163 tal-process gie ordnat l-allegazzjoni tal-kawza 802/2004/JZM u rat l-istess atti;

Rat illi permezz tal-verbal tal-15 ta' Ottubru, 2019 ir-rikors thalla ghad-decizjoni ghallum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz ta' rikors ipprezentat nhar it-23 ta' Mejju, 2017 l-atturi qeghdin jitolbu lill-Qorti sabiex tordna ritassa ai termini ta' l-Artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi principalment l-ilmenti tar-rikorrenti jikkonsistu fi tnejn u cioe' illi:

1. It-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) tipprovdi dwar il-mod li ghandhom jigu ntaxxati d-drittijiet dovuti lir-Registru tal-Qorti fir-rigward tal-kawzi kontenzjuzi. Il-procedura bir-rikors numru 802/2014 JZM fl-ismijiet **Joseph Busuttil pro et noe -vs- Suzanne Busuttil et** qatt ma kienet kawza ghal finijiet u effetti kollha tal-Iskeda A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghalhekk ma kellha qatt tigi applikata mir-Registratur tal-Qrati meta huwa hejja t-taxxa;

2. Minghajr pregudizzju u *dato ma non concesso* li r-Registratur tal-Qrati seta' jintaxxa drittijiet *ad valorem* jinghad li l-valur ried johrog jew mill-valur stabbilit fid-decizjoni finali tal-Qorti jew mir-rikors promotur – l-unici zewg modi li tistabbilixxi l-ligi.

<u>L-ewwel ilment:</u>

Illi fir-rigward ta' l-ewwel ilment din il-Qorti tinnota li l-atturi jikkwotaw estensivament mis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell deciza nhar il-31 ta' Jannar, 2014 fl-ismijiet **Suzanne Busuttil et -vs- Francis Busuttil & Sons Limited et** (Appell Civili numru: 642/2012/1) fejn is-sentenza taghmel distinzjoni bejn l-Artikolu 401 u l-Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta) u tirreferi ghad-

distinzjoni partikolarment fl-Artikolu 402 fejn l-ligi tipprovdi li ghandu jsir rikors u mhux citazzjoni.

Illi din il-Qorti, irricerkat u ezaminat fl-intier is-sentenza fl-ismijiet **Suzanne Busuttil et -vs- Francis Busuttil & Sons Limited et** (Appell Civili numru: 642/2012/1) ikkwotata mill-atturi fir-rikors promotur li wkoll kienet azzjoni maghmula taht l-Artikolu 402 tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti setghet tinnota li l-Qorti tal-Prim' Istanza kienet ghamlet indagini tal-origini tal-azzjoni taht Artikolu 402 tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalkemm mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tinvestiga s-sentenza msemmija anki ghaliex hawnhekk qeghdin nitkellmu dwar rikors ta' ritassa din l-Qorti setghet tinnota li l-estratti kkwotati mis-sentenza ma japplikawx ghal kawza odjerna u dan fid-dawl li l-partijiet ikkwotati huma ffukati fuq l-kwistjoni ta' jekk jezistix dritt ta' appell jew le. Oltre dan, din il-Qorti tirrileva li l-kawza Appell Civili numru: 642/2012/1 fl-ismijiet **Suzanne Busuttil et -vs- Francis Busuttil & Sons Limited et** a differenza tal-kawza 802/2014 JZM fl-ismijiet **Joseph Busuttil et -vs- Suzanne Busuttil et** ma kelliex talba ghal likwidazzjoni ta' kumpens minhabba telf jew danni.

Issa din il-Qorti tikkwota mill-ktieb **Principles of Maltese Company Law** (Malta University Press – 2007), fejn l-awtur **Andrew Muscat** jispjega l-ghan wara l-introduzzjoni tal-Artikolu 402 tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta. Jghid illi:

> 'The desirability of introducing an unfair prejudice provision into Maltese law had, by the time of the enactment of the Companies Act, become self-evident. Protection to the minority shareholders was, up to then, afforded largely by the "fraud on the minority" exception to the rule in *Foss vs*

*Harbottle*. But the legal position had been fraught with uncertainty and difficulty and the precise scope of the "fraud on the minority" remedy could not be ascertained with the level of precision that is so essential in commercial matters. Admittedly, the shareholder could also petition the court for the winding up of the company under article 150(g) of the Commercial Partnerships Ordinance which provides for the dissolution of the company "if, in the opinion of the court, there exist grounds of sufficient gravity to warrant dissolution." Often, however, this remedy was not a sensible or practical one. Indeed, a winding up could be lengthy and expensive and could result in the disposal of the company's assets at their forced sale or break-up value, irrespective of goodwill and know-how. The price fetched could then be considerably lower that their true worth in the context of the company as a going concern. Moreover, the shareholder may have no particular wish to place the company in liquidation (especiallu if it was, or had the potential, to be profitable). His only desire may simply be to stop or reverse the wrongdoing.

The Bill that was to form the basis of the Companies Act did not originally contain an unfair prejudice provision, but such a provision was eventually introduced during the Bill's passage through the House of Representatives. The provision was included as article 402 of the Act with the words "[p]rotection of shareholders against unfair prejudice" as its marginal note. Although English companies and insolvency legislation is the obvious source and inspiration of the Companies Act, the unfair prejudice provision is itself very closely modelled on section 209 of the

> New Zealand Companies Act 1955, later renumbered section 174 of the New Zealand Companies Act 1993.'

Illi l-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi x'ghandu jkun il-format u l-kontenut ta' sentenza. Dan l-Artikolu jaqra kif isegwi:

> 'Fis-sentenza għandhom qabel xejn jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha, u għandu jkun hemm fiha wkoll riferenza għall-proċedimenti, għat-talbiet tal-attur u għall-eċċezzjonijiet tal-konvenut:
>
> Iżda il-Bord tar-Regoli maħtur skont l-artikolu 29 jista', permezz ta' Regoli tal-Qorti, jidderoga mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.'

Illi minn harsa lejn is-sentenza 802/2014 JZM moghtija nhar it-30 ta' Marzu, 2017 fl-ismijiet **Joseph Busuttil pro et noe -vs- Suzanne Busuttil et** (a fol. 7 sa fol. 36 tal-process) jirrizulta li tikkontjeni kemm t-talbiet tal-attur, l-eccezzjonijiet tal-konvenut, riferenza ghall-procedimenti kif ukoll ir-ragunijiet li fuqhom il-Qorti bbazat id-decizjoni taghha. Gie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell nhar id-9 ta' Novembru, 1931 fl-ismijiet **Luigi Gerolamo Bonnici nomine -vs- Onor. Joseph Huber nomine** illi:

> 'il proprio e veru carattere distintivo della sentenza definitiva è quello per cui viene definito una quistione riguardante l'azione, il merito e la procedura, talmente che nessuna altra sentenza sulla quistione definita puo essere profferita dallo stesso tribunale dopo che si fosse pronunciato su tale quistione'.

Illi dan premess, l-Paragrafu 3 tat-Tariffa A tal-Iskeda A ma jinkludix biss il-kaz ta' rikors guramentat pero' jinkludi wkoll petizzjoni, rikors jew xi att iehor tal-procedura li jkun fihom talba li biha tinbeda procedura kontenzjuza f'Qorti ta' Prim' Istanza u li titlob decizjoni minn Imhallef jew Magistrat. Il-Paragrafu 3 jipprovdi illi:

> '1) B'żieda mad-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 2, mal-preżentata ta' xi petizzjoni, rikors jew xi att ieħor tal-proċedura li jkun fihom talba li biha tinbeda proċedura kontenzjuża f'Qorti ta' Prima Istanza u li titlob deċiżjoni minn Imħallef jew Maġistrat, u meta d-dritt tar-reġistru jkun jista' jiġi intaxxat fuq valur stabbilit jew fuq valur li jista' jiġi stabbilit skont il-liġi jew mill-att innifsu, ikunu dovuti wkoll dawn id-drittijiet li ġejjin:
> …'

Fil-kaz 802/2014 JZM fl-ismijiet **Joseph Busuttil et -vs- Suzanne Busuttil et** li fuqu qed jintalab ir-ritassa wiehed isib rikors li permezz tieghu nbdiet procedura kontenzjuza quddiem l-Prim' Awla tal-Qorti Civili u li waslet ghal decizjoni datata 30 ta' Marzu, 2017 moghtija mill-Onovervoli Mhallef Joseph Zammit McKeon. Bla dubju fid-dawl ta' dak suespost li d-dritt tar-registru tal-kaz 802/2014 ghandu b'zieda mad-drittijiet moghtija fil-paragrafu 2 jigi ntaxxat fuq valur stabbilit jew valur li jista' jigi stabbilit skont il-ligi jew mill-att innifsu.

Rat ix-xiehda tas-Sur Emanuel Sciriha, Direttur Qrati Civili u Tribunali a fol. 164 sa fol. 166 u fol. 188 sa fol. 191 tal-process fejn sostna li l-intaxxar isir billi jaraw jekk it-talba hijiex ghal likwidazzjoni u rrispettivament jigix likwidat ammont jew le l-kawza tigi ntaxxata *ad valorem*. Il-valur jittiehed mill-atti tal-

kawza, u fil-kaz odjern, ittiehed minn nota ta' sottomissjonijiet tal-kawza 802/2014JZM a fol. 397. Rat partikolarment li a fol. 165 et ergo huwa xehed u ddikjara kif isegwi:

'Ma nintaxxawx il-kawza skont l-ezitu min rebah jew min tilef. Imma fuq talbiet'

Rat ukoll li a fol. 166 fuq domandi tal-Qorti diversament preseduta ddikjara kif isegwi:

'Qorti: Allura galadarba ma kienx hemm likwidazzjoni tad-danni jew konsiderazzjoni ta' xi danni likwidati r-registratur ma jghaddix biex semplicement jintaxxa fuq talbiet u eccezzjonijiet minghajr .. jara kemm hemm talbiet u jara kemm hemm eccezzjonijiet minghajr necessarjament valutazzjoni ta' l-ammont?.

Xhud: Le jidhol fuq talba jara t-talba hijiex ghal likwidazzjoni jew le. Irrespettivament jekk jigix illikwidat dak l-ammont; u nintaxxaw fuqha

Qorti: U f'din il-kawza ghaliex ma saritx talba lill-partijiet biex jaghmlu nota.

Xhud: Ghaliex kien jirrizulta fin-nota ta' sottomissjonijiet. Irid ikun hemm ma jirrizulta minn imkien ..

Qorti: Biex jaghmlu nota kongunta jew jaghmlu talba . .

Xhud: Hekk hu. Jekk ma jirrizulta imkien allura nitolbuhom jaghmlu nota. Imma f'dan il-kaz kien jirrizulta minn l-istess nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti.'

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet precizament fol. 397 tal-process 802/2004/JZM allegat mal-kawza odjerna, fejn inghad kif isegwi:

'...u ghalhekk ir-rikorrenti jissottomettu bir-rispett li huma ntitolati <u>ghall-anqas ghal sittin fil-mija (60%) ta' l-ammont ta' €16,000,000</u> fuq imsemmi u cioe ghall-ammont ta' disa miljuni u sitt mitt elf Euro (€9,600,000) diviz fil-kwoti azzjonarji rispettivi, u dan bhala kumpens lilhom dovut ghad-danni lilhom ikkawzati mill-agir ta' l-intimati jew somma verjuri...';

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak kollu suespost din il-Qorti tichad l-ewwel ilment imressaq mill-atturi.

<u>It-tieni ilment:</u>

Fir-rigward it-tieni lment, l-atturi jsostnu li r-Registratur tal-Qrati ma setax jintaxxa drittijiet *ad valorem*, u *dato ma non concesso* li r-Registratur tal-Qrati seta' jintaxxa drittijiet *ad valorem,* l-valur ried johrog jew mid-decizjoni jew mir-rikors promotur u mhux fuq ammont li jirrizulta minn x'imkien iehor.

Illi din l-Qorti tibda billi taghmel referenza ghat-Tariffa E – Drittijiet li jithallsu lill-Avukati, Prokuraturi Legali u Kuraturi "ex officio" tal-Iskeda A b'mod partikolari ghall-Paragrafu 13 u Paragrafu 14 illi jghidu:

> '13. Għal kull sentenza definittiva:
>
> (i) dwar l-ewwel €1,164.69 jew parti minnha ....................................... €46.59 bħala l-inqas dritt jew 10% skont liema jkun l-ogħla

(ii) dwar kull valur 'il fuq mill-ewwel €1,164.69 sa €23,293.73 għal kull€232.94 ...................................€6.99

(iii) dwar kull valur 'il fuq minn €23,293.73 għal kull €232.94 .....2.33

Iżda d-dritt fuq it-talbiet imsemmija fin-Nru. 7 (b) tat-Tariffa A, għandu jkun intaxxat fuq nofs il-massimu iffissat bil-liġi għall-penali ikkontemplata fiha.

14. Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit.'

Illi minn qari ta' dawn iz-zewg paragrafi jinsorgi bl-aktar mod car li d-drittijiet tal-avukati u prokuraturi legali meta jkollhom x'jaqsmu ma' valur ghandhom jigu ntaxxati *ad valorem*. Issa, f'dan is-sens din il-Qorti taghmel ampja referenza ghas-sentenza deciza mill-Qorti ta' l-appell fl-ismijiet **Avukat Dr Joseph Ellis -vs- Registratur tal-Qorti ta' Ghawdex** deciza nhar it-28 ta' April, 2010 fejn inghad illi:

'Premessa din l-introduzzjoni, fil-każ preżenti l-appellanti jillamenta minn dik l-istess tassazzjoni tar-Reġistratur fil-kawża per Rikors Nru. 67/07 deċiża, kif ingħad, fid-19.12.2008 għaliex isostni li din kellha tkun waħda *ad valorem*. Biex isaħħaħ dan l-assunt tiegħu l-appellanti jirrikorri għall-enunċjazzjonijiet fis-sentenzi fl-ismijiet **Avukat Dottor Carmelo Galea -vs- Silvio Zammit** *et*, Appell Inferjuri, 15.07.2009, **Kummissarju tal-Pulizija** *et* **-vs-**

**Reġistratur tal-Qorti**, Prim'Awla, Qorti Civili, 30.01.2008 u d-deċiżjonijiet f'dawn kompendjati. Jiġi osservat minn din il-ġurisprudenza illi in linea ta' massima **hu prinċipju li t-tassazzjoni ta' drittijiet ġudizzjali għandha tiġi regolata mid-domanda.** Huwa konkordat ukoll illi xi drabi jista' jiġri ili għalkemm id-domanda ma tkunx kwantifikata l-prinċipju predett jista' jiġi kwalifikat mill-massima l-oħra li tgħid illi meta mill-massa litiġjuża jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni t-tassazzjoni għandha tiġi regolata fuq dan. F'dan il-kuntest insibu b'rikapitulazzjoni ġenerali illi "hu konformi għall-prattika ta' tassazzjoni tal-ispejjeż ġudizzjarji illi, meta, għalkemm l-attur ikun talab somma indeterminata fiċ-ċitazzjoni, pero f'xi skrittura jew xort'oħra fi proċeduri jkun iffissa somma bħala oġġett tal-pretensjoni tiegħu, allura dik is-somma titqies id-'domandat', u t-tassazzjoni, li kieku diversament issir fuq l-ottenut, issir fuq 'dik is-somma' (**Emmanuele Barbara -vs- Michelina Farrugia**, Appell Civili, 10.10.1958). Fl-istess sens konkordi huma s-sentenzi bħal **Lawrence Manchè -vs- Reġistratur tal-Qrati Superjuri**, 07.07.1982 u **Avukat Leslie Grech** *nomine* **-vs- Frank Abela** *et*, Prim'Awla, Qorti Civili, 25.01.2002;'

Illi l-Qorti terga taghmel referenza ghall-kontenuta tax-xiehda is-Sur Emanuel Sciriha, Registatur tal-Qrati Civili u Tribunali (fol. 188 sa fol. 191 tal-process) li jispjega l-procedura adoperata sabiex giet intaxxata l-kawza minn fejn jirrizulta li s-sistema adoperata:

'Ix-xhud: Mela, nibda biex nghid illi r-Registratur jintaxxa l-kawza skont ittalbiet li jkunu saru fir-rikors guramentat.

Dr Noel Bartolo: Sewwa. X'talbiet kien hemm f'dan ir-rikors guramentat?

Ix-xhud: Issa, l-attur, l-atturi, talbu lill-Qorti tapplika l-

provvedimenti tal-artiklu 402 (3)(d) u (f) tal-Kap 386 kontra l-intimati –

Xi hadd: Tista' tghidilna x'inhuma l-okkju please?

Ix-xhud: L-okkju tal-kawza? Joseph Busuttil et kontra Suzanne Busuttil eh.

Xi hadd: le, le, mhux ta' din. Tal-kawza illi –

Ix-xhud: Iva, iva, dik hi.

Dr Noel Bartolo: 802/14JZM.

Ix-xhud: L-802/2014JZM. Mela, tapplika l-provvediment tal-artiklu 402 (3)(d) u (f) tal-Kap 386 kontra l-intimati; tipprovdi ghax-xiri tal-ishma kollha tal-intimati mir-rikorrenti u li l-intimati jigu ikkundannati jhallsu lir-rikorrenti ammont iffissat minn din il-Qorti bhala kumpens minhabba telf jew danni ikkawzati mill-intimati. Issa kawza bhal din fejn qed jitolbu danni, dejjem jigu illikwidati d-danni u t-taxxa ssir ad valorem.

Dr Noel Bartolo: Sewwa. Issa, f'dan il-kaz, ir-Registratur ghal liema valur attribwixxa t-taxxa u minn fejn ittiehed jekk joghgbok?

Ix-xhud: Il-valur irrizulta minn fol 397 precizament fin-nota tal-osservazzjonijiet tar-rikorrenti fejn fiha qal illi, "sal-lum diga ikkawzaw danni kwantifikabbli fl-ammont ta' sittax-il miljun ewro (€16)."

Dr Noel Bartolo: Fuq dik jigifieri Sur Sciriha?

Ix-xhud: Le, pero' gie intaxxat fuq disa' miljuni u sitt mitt elf (9,600,000). Halli nerga' nara ghalfejn. Mela sittax-il miljun

Ewro lill-kumpanija FSB liema danni se jkomplu jzidu fil-futur u ghalhekk ir-rikorrenti jissottometti bir-rispett li huma intitolati ghall-anqas ghal sittin fil-mija (60%) tal-ammont tas-sittax-il miljun (16m) li huwa disa' miljuni and six hundred thousand (9,600,000)

…

<u>Kontro Ezami:</u>

Dr Jonathan De Maria: Jekk joghgbok, Sur Scirha, tista tfisser lill-Qorti ezattament minn fejn johrog mill-ligi illi valur jista' jittiehed minn nota ta' sottomissjonijiet?

Il-Qorti: Mhux hekk ghadu kif qal. Ghax ghadu kif qal illi n-nota ta' sottomissjonijiet tindika sittax-il miljun pero'-

Ix-xhud: Sittax-il miljun, pero qed jirreklamaw sixty percent minnu li huwa disa' miljuni u sitt mitt elf.

Il-Qorti: Mit-tariffa qed tghid int. Inti hadtha mit-tariffa "E".

Ix-xhud: Il-valur jista' jirrizulta mhux bilfors mir-rikors guramentat jew mit-talbiet precizi imma mill-kwistjoni li tkun qed tigi diskussa fil-process hu.'

Din il-Qorti rat illi t-taxxa giet mahduma fuq l-ammont iddikjarat fin-nota ta' sottomissjonijiet a fol. 397 tal-process 802/2014JZM u dan in ottemperanza mal-paragrafi 13 u 14 tat-Tariffa E nonostante li finalment it-talbiet attrici ma gewx milqugha, u ghaldaqstant ma ssib l-ebda raguni valida fil-ligi ghalfejn ghandha tordna li tigi varjata t-taxxa kif mahduma.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi r-rikors ta' ritassa odjern billi filwaqt li tilqa' r-risposti tal-intimati tghaddi sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti.

Spejjez kollha a kariku tar-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**5 ta' Gunju, 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**5 ta' Gunju, 2020**